SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

26 ta' Settembru 2024*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema – Direttiva 89/391/KEE – Obbligi ta' natura ġenerali fil-qasam tal-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa – Proċeduri nazzjonali paralleli – Sentenza ta' qorti amministrattiva li għandha l-awtorità ta' *res judicata* quddiem il-qorti kriminali – Klassifikazzjoni ta' avveniment bħala 'inċident fuq il-post tax-xogħol' – Effettività tal-protezzjoni tad-drittijiet iggarantiti mid-Direttiva 89/391 – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Dritt għal smigħ – Proċeduri dixxiplinari kontra mħallef ta' qorti ordinarja fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' deċiżjoni ta' qorti kostituzzjonali li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni"

Fil-Kawża C-792/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Curtea de Apel Braşov (il-Qorti tal-Appell ta' Braşov, ir-Rumanija), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Diċembru 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta' Diċembru 2022, fil-proċeduri kriminali kontra

MG,

fil-preżenza ta':

Parchetul de pe lângă Judecătoria Rupea,

LV,

CRA,

LCM,

SC Energotehnica SRL Sibiu,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Awla, L. Bay Larsen (Relatur), Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, T. von Danwitz, P. G. Xuereb u A. Kumin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

* Lingwa tal-kawża: ir-Rumen.

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Parchetul de pe lângă Judecătoria Rupea, minn D. Câmpean, bħala aġent,

– għall-Gvern Rumen, minn R. Antonie, E. Gane u A. Rotăreanu, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Armenia u D. Recchia, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-11 ta' April 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(1) u (2) u tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 349, rettifika fil-ĠU 2023, L 77, p. 20), kif ukoll tal-Artikolu 31(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra MG fuq il-bażi ta' nuqqas ta' osservanza ta' miżuri legali fil-qasam tas-sigurtà u tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol kif ukoll ta' omiċidju involontarju.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-għaxar premessa tad-Direttiva 89/391 tgħid:

"Billi l-inċidenza ta' aċċidenti fuq ix-xogħol u ta' mard ikkaġunat mix-xogħol għadu għoli ħafna; billi għandhom jiġu ntrodotti jew imtejba miżuri ta' prevenzjoni mingħajr dewmien sabiex jipproteġu is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema u sabiex jiżguraw livell ogħla ta' protezzjoni".

4 L-Artikolu 1(1) u (2) ta' din id-direttiva jipprevedi:

"1. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiġu introdotti miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u fis-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol.

2. Għal dak il-għan fiha prinċipji ġenerali li jikkonċernaw il-prevenzjoni ta' riskji ikkaġunati mix-xogħol, il-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa, l-eliminazzjoni ta' fatturi ta' riskju u ta' aċċident, l-informar, ikkonsultar, parteċipazzjoni bilanċjata skond il-liġijiet u/jew prattiċi

nazzjonali u t-taħriġ ta' ħaddiema u tar-rapreżentanti tagħhom, kif ukoll bħala linji ta' gwida ġenerali għall-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji."

5 L-Artikolu 4(1) tal-imsemmija direttiva jiddisponi:

"Stati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li min iħaddem, il-ħaddiema u r-rappreżentanti tal-ħaddiema ikunu soġġetti għad disposizzjonijiet legali meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva."

6 Intitolat "Dispożizzjonijiet ġenerali", l-Artikolu 5 tal-istess direttiva jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Min iħaddem għandu jkollu l-obbligu li jiżgura s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema f'kull aspett relatat max-xogħol."

Id-dritt Rumen

Il-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali

7 L-Artikolu 350 tal-Codul penal (il-Kodiċi Kriminali), intitolat "Nuqqas ta' osservanza tal-miżuri legali ta' sigurtà u ta' saħħa fuq il-post tax-xogħol", jipprevedi:

"(1) Jekk in-nuqqas ta' osservanza minn kwalunkwe persuna tal-obbligi u tal-miżuri previsti fil-qasam tas-sigurtà u tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol, joħloq periklu imminenti ta' inċident fuq il-post tax-xogħol jew ta' marda kkaġunata mix-xogħol, huwa punibbli bi priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin jew b'multa.

[…]

(3) Il-fatti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 huma punibbli b'piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa sena jew b'multa meta jitwettqu b'negliġenza."

8 L-Artikolu 192 ta' dan il-kodiċi, intitolat "Omiċidju involontarju", jistabbilixxi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"L-omiċidju involontarju li jirriżulta min-nuqqas ta' osservanza ta' dispożizzjonijiet legali jew ta' miżuri ta' prekawzjoni previsti għall-eżerċizzju ta' professjoni jew ta' mestier jew għall-eżerċizzju ta' attività partikolari huwa punibbli b'piena ta' priġunerija minn sentejn sa seba' snin. Meta l-ksur tad-dispożizzjonijiet legali jew tal-miżuri ta' prekawzjoni jikkostitwixxi reat fih innifsu, japplikaw ir-regoli dwar il-konkors ta' reati."

9 L-Artikolu 52 tal-Codul de procedură penală (il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali) jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"(1) Il-qorti kriminali għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' kwalunkwe kwistjoni preliminari għas-soluzzjoni tal-kawża, anki jekk, min-natura tagħha, din il-kwistjoni tkun taqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' qorti oħra, bl-eċċezzjoni tas-sitwazzjonijiet li fihom l-awtoritajiet ġudizzjarji ma jkollhomx ġurisdizzjoni.

(2) Il-kwistjoni preliminari għandha tiġi deċiża mill-qorti kriminali b'konformità mar-regoli u l-mezzi ta' prova relattivi fil-qasam li għalih tappartjeni din il-kwistjoni."

Il-Liġi dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

10 L-Artikolu 5(g) tal-Legea nr. 319/2006 a securității și sănătății în muncă (il-Liġi Nru 319/2006 dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol) (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol"), tal-14 ta' Lulju 2006 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 646 tas-26 ta' Lulju 2006, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol"), li tittrasponi d-Direttiva 89/391, jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' din il-liġi, is-segwenti għandhom ifissru:

[…]

(g) inċident fuq il-post tax-xogħol – feriment fiżiku serju jew intossikazzjoni severa waqt l-eżerċizzju tax-xogħol jew waqt it-twettiq ta' kompiti tax-xogħol u li jwasslu għal inkapaċità temporanja għax-xogħol ta', mill-inqas, tlitt ijiem kalendarji, għal invalidità jew għall-mewt;

[…]"

11 L-Artikolu 20(1) ta' din il-liġi jipprevedi:

"Il-persuna li timpjega għandha tiżgura kundizzjonijiet li jippermettu lil kull ħaddiem jirċievi taħriġ suffiċjenti u xieraq fil-qasam tas-sigurtà u tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari fil-forma ta' informazzjoni u ta' struzzjonijiet speċifiċi għall-post tax-xogħol u għall-pożizzjoni tiegħu:

[…]

(b) meta jkun hemm tibdil tal-impjieg jew trasferiment […];

[…]"

12 L-Artikolu 22 tal-imsemmija liġi huwa fformulat kif ġej:

"Kull ħaddiem għandu jwettaq ix-xogħol tiegħu b'konformità mat-taħriġ u mal-preparazzjoni tiegħu kif ukoll mal-istruzzjonijiet li jingħataw mill-persuna li timpjegah, b'mod li ma jiġix espost, u lanqas jesponi lill-persuni oħra li jistgħu jkunu affettwati bl-azzjonijiet jew l-ommissjonijiet tiegħu fil-kuntest ta' xogħlu, għal riskji ta' inċident jew ta' marda kkaġunata mix-xogħol."

13 Konformement mal-Artikolu 29(1) tal-istess liġi, l-ispettorati territorjali tax-xogħol għandhom iwettqu investigazzjoni fil-każ ta' avveniment li jwassal, b'mod partikolari, għall-mewt tal-vittma. Skont l-Artikolu 29(2) tagħha, ir-riżultat tal-investigazzjoni għandu jiġi rreġistrat f'proċess verbal.

Ir-Rekwiżiti Minimi ta' Sigurtà u ta' Saħħa

14 Il-cerințele minime de securitate și sănătate pentru utilizarea în muncă de către lucrători a echipamentelor de muncă (ir-Rekwiżiti Minimi ta' Sigurtà u ta' Saħħa għall-Użu ta' Apparat tax-Xogħol mill-Ħaddiem fuq il-Post tax-Xogħol), stabbiliti mill-Hotărârea Guvernului nr. 1146/2006 (id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 1146/2006), tat-30 ta' Awwissu 2006 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 815 tat-3 ta' Ottubru 2006), fihom il-partijiet li ġejjin:

"3.3.2.1. Fl-installazzjonijiet u apparat ta' xogħol elettriku, il-protezzjoni kontra x-xokk elettriku b'kuntatt dirett għandha tiġi żgurata permezz ta' miżuri tekniċi, ikkompletati permezz ta' miżuri organizzattivi. […]

3.3.2.3. Il-protezzjoni kontra x-xokk elettriku b'kuntatt dirett għandha tiġi żgurata permezz tal-miżuri organizzattivi li ġejjin:

(a) l-interventi fuq l-installazzjonijiet elettriċi (tiswijiet, reparazzjonijiet, konnessjonijiet, eċċ.) għandhom isiru biss minn elettriċisti kkwalifikati, awtorizzati u mħarrġa fix-xogħlijiet inkwistjoni;

(b) l-interventi għandhom isiru abbażi ta' waħda mill-forom ta' xogħol;

[…]

(e) għandhom jiġu stabbiliti struzzjonijiet ta' xogħol għal kull intervent fuq l-installazzjonijiet elettriċi.

3.3.2.4. L-interventi fuq l-installazzjonijiet, magni, apparat u tagħmir li jużaw l-elettriku huma awtorizzati biss abbażi tal-forom ta' xogħol li ġejjin:

[…]

(d) ordnijiet verbali (DV);

[…]

3.3.23.1. Fil-każ tal-installazzjonijiet jew tal-apparat ta' xogħol elettriku li jkunu jew ma jkunux mitfija waqt li jsiru xogħlijiet fuqhom, għandhom jintużaw mezzi ta' protezzjoni elettro-iżolaturi. […]

3.3.23.4. Ix-xogħlijiet fuq installazzjonijiet u apparat elettriku mhux mitfija għandhom isiru mill-persunal awtorizzat sabiex jaħdem waqt li jkun għaddej l-elettriku."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

15 Fil-5 ta' Settembru 2017, elettriċista impjegat ta' SC Energotehnica SRL Sibiu (iktar 'il quddiem "Energotehnica"), miet b'xokk elettriku waqt intervent f'bozza esterna ta' arblu ta' voltaġġ baxx f'azjenda agrikola.

16 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li MG, impjegat ukoll ta' Energotehnica, kien inkarigat mill-organizzazzjoni tax-xogħol, mit-taħriġ tal-persunal u mill-adozzjoni ta' miżuri intiżi li jiżguraw l-arranġamenti ta' sigurtà tax-xogħol u l-apparat ta' protezzjoni.

17 Wara dan il-mewt, saru żewġ proċeduri fir-rigward tal-avveniment inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri, minn naħa, proċedura ta' investigazzjoni amministrattiva mibdija mill-Inspecția Muncii (l-Ispettorat tax-Xogħol, ir-Rumanija) kontra Energotehnica, u, min-naħa l-oħra, proċeduri kriminali kontra MG għan-nuqqas ta' osservanza tal-miżuri legali ta' sigurtà fuq il-post tax-xogħol u omiċidju involontarju.

18 Fir-rigward, minn naħa, tal-investigazzjoni amministrattiva, l-Ispettorat tax-Xogħol, permezz ta' proċess verbal ta' investigazzjoni tad-9 ta' Settembru 2019, ikklassifikaha bħala "inċident fuq il-post tax-xogħol", fis-sens tal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

19 Energotehnica għalhekk ippreżentat rikors kontenzjuż amministrattiv quddiem it-Tribunalul Sibiu (il-Qorti tal-Kontea ta' Sibiu, ir-Rumanija) intiż għall-annullament ta' dan il-proċess verbal.

20 Permezz ta' sentenza tal-10 ta' Frar 2021, dik il-qorti annullat parzjalment l-imsemmi proċess verbal billi qieset, għall-kuntrarju tal-klassifikazzjoni adottata mill-Ispettorat tax-Xogħol, li l-avveniment inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma kienx jikkostitwixxi inċident fuq il-post tax-xogħol.

21 L-appell ippreżentat mill-Ispettorat tax-Xogħol kontra dik is-sentenza ġie annullat permezz ta' sentenza tal-Curtea de Apel Alba Iulia (il-Qorti tal-Appell ta' Alba Iulia, ir-Rumanija) tal-14 ta' Ġunju 2021.

22 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-proċeduri kriminali kontra MG, dan tal-aħħar kien, bis-saħħa ta' att ta' akkuża tal-Parchetul de pe lângă Judecătoria Rupea (il-Prosekutur Pubbliku tal-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Rupea, ir-Rumanija) tal-31 ta' Lulju 2020, mibgħut lura quddiem il-Judecătoria Rupea (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Rupea, ir-Rumanija).

23 Fl-att ta' akkuża tiegħu, dan il-Prosekutur Pubbliku sostna li, fil-5 ta' Settembru 2017, għall-ħabta tas-18:00, MG ta lill-vittma taħriġ sabiex iwettaq intervent fuq il-bozza inkwistjoni, mingħajr ma ttieħdu miżuri ta' sigurtà u ta' saħħa fuq il-post tax-xogħol, jiġifieri l-intervent minn membru tal-persunal awtorizzat li jibqa' taħt is-sorveljanza ta' MG. Għalhekk, il-vittma wettaq dan l-intervent mingħajr ma ntfiet il-provvista tal-elettriku u mingħajr ma ntużaw ingwanti ta' protezzjoni tal-elettriku.

24 L-aventi kawża tal-vittma dehru bħala partijiet ċivili quddiem dik il-qorti, billi talbu l-kundanna ta' MG u ta' Energotehnica, peress li din tal-aħħar kienet ċivilment responsabbli minn MG, sabiex jiġu kkumpensati għad-danni li ġarrbu.

25 Permezz ta' sentenza tal-24 ta' Diċembru 2021, il-Judecătoria Rupea (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Rupea) ħelset lil MG mill-akkużi kriminali u ċaħdet l-azzjoni ċivili mressqa mill-aventi kawża tal-vittma. Dik il-qorti kkunsidrat, minn naħa, li kien jeżisti dubju raġonevoli li MG kien ta ordni ta' xogħol lill-vittma u li, min-naħa l-oħra, l-avveniment inkwistjoni fil-kawża prinċipali seħħ wara t-tmiem tal-ħinijiet tax-xogħol, b'tali mod li ma setax jiġi kklassifikat bħala inċident fuq il-post tax-xogħol.

26 Il-Prosekutur Pubbliku tal-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Rupea u l-aventi kawża tal-vittma appellaw minn dik is-sentenza quddiem il-Curtea de Apel Braşov (il-Qorti tal-Appell ta' Braşov, ir-Rumanija), il-qorti tar-rinviju.

27 Dik il-qorti tirrileva li, konformement mad-dritt Rumen, kif interpretat fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija), id-deċiżjoni tal-qorti amministrattiva hija vinkolanti fuq il-qorti kriminali minħabba l-awtorità ta' *res judicata* li għandha. Il-qorti tar-rinviju tippreċiża, fil-fatt, li l-kwistjoni dwar jekk l-avveniment li wassal għall-mewt tal-vittma jikkostitwixxix "inċident fuq il-post tax-xogħol", fis-sens tal-Liġi dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, hija kwistjoni preliminari, fis-sens tal-Artikolu 52 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali.

28 F'dan ir-rigward, dik il-qorti tenfasizza li l-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali), permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Frar 2021, irrikonoxxiet in-natura assoluta tal-awtorità ta' *res judicata* lis-sentenzi ċivili (*lato sensu*) li ddeċiedu tali kwistjonijiet preliminari.

29 Il-qorti tar-rinviju tosserva li, konsegwentement, hija marbuta bil-konklużjonijiet tal-qorti amministrattiva, li rrifjutat li tikklassifika l-avveniment inkwistjoni fil-kawża prinċipali bħala inċident fuq il-post tax-xogħol fis-sens tad-dritt Rumen.

30 Issa, l-awtorità ta' *res judicata* li għandha tali klassifikazzjoni tipprekludiha milli tiddeċiedi fuq ir-responsabbiltà kriminali jew ċivili tal-partijiet akkużati, peress li l-imsemmija klassifikazzjoni hija element kostituttiv tar-reat li fuqu hija mitluba tagħti deċiżjoni.

31 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju żżid li l-partijiet ċivili fil-kuntest tal-proċeduri kriminali ma nstemgħux quddiem il-qorti amministrattiva, peress li l-proċedura amministrattiva kienet biss bejn Energotehnica u l-Ispettorat tax-Xogħol.

32 Tali impossibbiltà li tingħata deċiżjoni dwar l-istabbiliment tar-responsabbiltà kriminali jew ċivili, minkejja li l-partijiet li nstemgħu fil-kuntest taż-żewġ proċeduri ma humiex l-istess, tippreġudika l-prinċipju ta' responsabbiltà tal-persuna li timpjega u dak tal-protezzjoni tal-ħaddiema, stabbiliti fl-Artikolu 1(1) u (2), kif ukoll fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 89/391, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 31(1) tal-Karta.

33 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Curtea de Apel Braşov (il-Qorti tal-Appell ta' Braşov) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-prinċipju ta' protezzjoni tal-ħaddiema u l-prinċipju ta' responsabbiltà tal-persuna li timpjega, stabbiliti mill-Artikolu 1(1) u (2) u mill-Artikolu 5(1) tad-Direttiva [89/391], trasposta fid-dritt nazzjonali mil-[Liġi dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol], moqri fid-dawl tal-Artikolu 31(1) tal-[Karta], jipprekludu leġiżlazzjoni bħal dik applikabbli fil-kawża prinċipali, [kif interpretata] b'deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali, li abbażi tagħha qorti amministrattiva tista' tiddetermina, b'mod definittiv, fuq talba tal-persuna li timpjega u fil-kuntest ta' proċedura kontradittorja biss mal-awtorità amministrattiva tal-Istat, il-klassifikazzjoni ta' avveniment bħala li ma huwiex inċident fuq il-post tax-xogħol fis-sens tal-imsemmija direttiva u b'hekk tipprevjeni lill-qorti kriminali, adita kemm mill-prosekutur bl-azzjoni kriminali kontra l-ħaddiem responsabbli, kif ukoll mill-parti ċivili bl-azzjoni ċivili kontra l-istess persuna li timpjega bħala parti responsabbli fid-dritt ċivili fil-proċeduri kriminali u kontra l-impjegat tagħha, milli tipprovdi soluzzjoni differenti għal

dak li jirrigwarda l-klassifikazzjoni tal-istess avveniment bħala inċident fuq il-post tax-xogħol, [klassifikazzjoni] li tikkostitwixxi element kostituttiv tar-reati fil-proċeduri kriminali (li fl-assenza tiegħu ma jista' jkun hemm ebda responsabbiltà kriminali u lanqas responsabbiltà ċivili marbuta ma' dik kriminali), fid-dawl tal-awtorità ta' *res judicata* tad-deċiżjoni amministrattiva finali?

2) Fil-każ [ta' risposta] fl-affermattiv [għall-ewwel domanda], il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni jew prassi nazzjonali li bis-saħħa tagħhom il-qrati nazzjonali ordinarji huma marbuta bid-deċiżjonijiet tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali u ma jistgħux, għal din ir-raġuni u bir-riskju li jitwettaq nuqqas dixxiplinari, iħallu mhux applikata *ex officio* l-ġurisprudenza li tirriżulta mid-deċiżjonijiet imsemmija, anki jekk iqisu, fid-dawl ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li din il-ġurisprudenza tmur kontra l-Artikolu 1(1) u (2) u l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 89/391, trasposta fid-dritt nazzjonali mil-[Liġi dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol], moqrija fid-dawl tal-Artikolu 31(1) tal-[Karta]?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ammissibbiltà

34 Il-Gvern Rumen isostni li d-domandi preliminari huma inammissibbli.

35 F'dan ir-rigward, f'dak li jikkonċerna l-ewwel domanda, dan il-gvern isostni li l-qorti tar-rinviju hija adita b'appell ippreżentat fil-kuntest ta' proċedura intiża għall-istabbiliment tar-responsabbiltà kriminali ta' ħaddiem u mhux ta' persuna li timpjega, peress li din tal-aħħar għandha biss il-kwalità ta' parti responsabbli ċivilment fil-kawża kriminali. Issa, id-Direttiva 89/391 tirrigwarda biss l-obbligu li għandhom il-persuni li jimpjegaw sabiex jiżguraw is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fl-aspetti kollha marbuta max-xogħol, kif ukoll ir-responsabbiltà tal-persuni li jimpjegaw f'każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' dan l-obbligu. Għalhekk, ir-relazzjoni ġuridika li dwarha l-qorti tar-rinviju hija mitluba tagħti deċiżjoni ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' din id-direttiva. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ewwel domanda preliminari tkun inammissibbli.

36 Fir-rigward tat-tieni domanda, il-Gvern Rumen isostni li din ma hijiex awtonoma, peress li tiddependi mir-risposta għall-ewwel domanda, b'tali mod li hija wkoll għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

37 F'dan ir-rigward, qabelxejn għandu jitfakkar li hija biss il-qorti nazzjonali adita bit-tilwima fil-kawża prinċipali li għandha tevalwa n-neċessità ta' deċiżjoni preliminari u r-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja, liema domandi jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, obbligata li tagħti deċiżjoni, meta d-domanda magħmula tkun tirrigwarda l-interpretazzjoni jew il-validità ta' regola tad-dritt tal-Unjoni, ħlief jekk ikun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba ma għandha l-ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett ta' din it-tilwima, jekk il-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għal din id-domanda (sentenza tat-22 ta' Frar 2024, Unedic, C-125/23, EU:C:2024:163, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-aventi kawża tal-vittma dehru bħala partijiet ċivili quddiem il-qorti kriminali billi talbu l-kundanna tal-akkużat u tal-persuna li timpjega sabiex jiġu kkumpensati għad-danni li ġarrbu. Għaldaqstant, ma jistax jitqies li t-tilwima fil-kawża prinċipali ma tikkonċernax lill-persuna li timpjega u li l-problema mqajma mill-ewwel domanda hija ta' natura ipotetika. Barra minn hekk, il-kwistjoni dwar jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix li qorti amministrattiva tkun tista' tiddeċiedi, b'mod vinkolanti għal qorti kriminali, dwar il-klassifikazzjoni ta' avveniment bħala "inċident fuq il-post tax-xogħol", fis-sens tad-dritt Rumen, hija deċiżiva għall-eżitu tal-proċedura quddiem il-qorti tar-rinviju.

39 Minn dan isegwi li d-domandi magħmula huma ammissibbli.

Fuq il-mertu

Fuq l-ewwel domanda

40 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 1(1) u (2) kif ukoll l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 89/391, moqrija flimkien mal-Artikolu 31 tal-Karta u mal-prinċipju ta' effettività, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, kif interpretata mill-qorti kostituzzjonali ta' dan l-Istat Membru, li bis-saħħa tagħha s-sentenza definittiva ta' qorti amministrattiva li tirrigwarda l-klassifikazzjoni ta' avveniment bħala "inċident fuq il-post tax-xogħol" ikollha l-awtorità ta' *res judicata* quddiem il-qorti kriminali, meta din il-leġiżlazzjoni ma tippermettix lill-aventi kawża tal-ħaddiem vittma ta' dan l-avveniment jinstemgħu f'ebda waħda mill-proċeduri li jagħtu deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' tali inċident fuq il-post tax-xogħol.

41 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija l-kompetenza ta' din tal-aħħar li tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tgħinha tiddeċiedi l-kawża li hija adita biha (sentenza tat-13 ta' Ġunju 2024, Dyrektor Izby Administracji Skarbowej w Bydgoszczy (Spiża reali tal-enerġija), C-266/23, EU:C:2024:506, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Għal dawn il-finijiet, mill-informazzjoni kollha pprovduta mill-qorti tar-rinviju, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tislet l-elementi tad-dritt tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tal-kawża prinċipali. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu wkoll inkunsiderazzjoni r-regoli ta' dan id-dritt li l-qorti nazzjonali ma tkunx għamlet riferiment għalihom fil-formulazzjoni tad-domanda tagħha (sentenza tal-25 ta' April 2024, PAN Europe (Closer), C-308/22, EU:C:2024:350, punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Għalhekk, f'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, iggarantit fl-Artikolu 47 tal-Karta, huwa wkoll rilevanti għar-risposta li għandha tingħata għad-domandi magħmula.

44 Fir-rigward tad-Direttiva 89/391, mill-Artikolu 1(1) tagħha, moqri fid-dawl tal-għaxar premessa ta' din id-direttiva, jirriżulta li din għandha bħala għan l-implimentazzjoni ta' miżuri preventivi intiżi sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u fis-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol sabiex jiġi żgurat livell aħjar ta' protezzjoni.

45 L-imsemmija direttiva tinkludi, kif huwa ppreċiżat fl-Artikolu 1(2) tagħha, prinċipji ġenerali li jikkonċernaw b'mod partikolari l-prevenzjoni tar-riskji fuq ix-xogħol u l-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa, l-eliminazzjoni tal-fatturi ta' riskju u ta' inċidenti kif ukoll linji gwida ġenerali għall-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji.

46 Barra minn hekk, l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 89/391 jipprovdi li l-persuna li timpjega għandha l-obbligu li tiżgura s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema f'kull aspett relatat max-xogħol.

47 Bħalma ppreċiżat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 41 tas-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-127/05, EU:C:2007:338), din id-dispożizzjoni tissuġġetta lill-persuna li timpjega għall-obbligu li tiżgura lill-ħaddiema ambjent tax-xogħol mingħajr periklu, li huwa obbligu li l-kontenut tiegħu huwa ppreċiżat fl-Artikoli 6 sa 12 ta' din id-direttiva kif ukoll minn diversi direttivi partikolari li jipprevedu l-miżuri ta' prevenzjoni li għandhom jiġu adottati f'ċerti setturi ta' produzzjoni speċifiċi.

48 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-imsemmija dispożizzjoni sempliċement tistabbilixxi obbligu ġenerali ta' sigurtà impost fuq il-persuna li timpjega, mingħajr ma tiddeċiedi dwar xi forma ta' responsabbiltà (sentenza tal-14 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-127/05, EU:C:2007:338, punt 42).

49 Konsegwentement, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 39 tal-konklużjonijiet tiegħu u kif issostni l-Kummissjoni Ewropea, għalkemm id-Direttiva 89/391 tirreferi għall-prinċipju ta' responsabbiltà tal-persuna li timpjega u tistabbilixxi obbligi ta' natura ġenerali relatati mal-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema fl-aspetti kollha marbuta max-xogħol, hija ma tinkludi l-ebda dispożizzjoni speċifika dwar il-modalitajiet proċedurali tar-rimedji intiżi sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-persuna li timpjega li ma tkunx osservat dawn l-obbligi.

50 Bl-istess mod, għalkemm l-Artikolu 31 tal-Karta, li għalih tirreferi l-qorti tar-rinviju fil-kuntest tal-ewwel domanda preliminari tagħha, jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li "[k]ull ħaddiem għandu d-dritt għal kondizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tiegħu", huwa lanqas ma jinkludi preċiżazzjonijiet dwar il-modalitajiet proċedurali tar-rimedji intiżi sabiex jintużaw meta l-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema ma tkunx ġiet żgurata.

51 Peress li d-dritt tal-Unjoni ma jarmonizzax il-proċeduri applikabbli għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-persuna li timpjega fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 89/391, dawn il-proċeduri jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku intern tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, bil-kundizzjoni, madankollu, li dawn ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet simili ta' natura interna (prinċipju ta' ekwivalenza) u li dawn ma jirrendux impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni (prinċipju ta' effettività) (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' April 2024, Air Europa Líneas Aéreas, C-173/23, EU:C:2024:295, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam, il-modalitajiet ta' implimentazzjoni tal-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* jaqa' taħt l-ordinament ġuridiku intern tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali ta' dawn tal-aħħar, b'osservanza, madankollu, tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività (sentenza tal-24 ta' Ottubru 2018, XC *et*, C-234/17, EU:C:2018:853, punt 21 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

53 B'mod partikolari, meta l-Istati Membri jiddefinixxu l-modalitajiet proċedurali ta' rikorsi ġudizzjarji intiżi sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet mogħtija mid-Direttiva 89/391, huma għandhom jiggarantixxu r-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali, stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, li jikkostitwixxi affermazzjoni mill-ġdid tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ruħhom li l-modalitajiet konkreti għall-eżerċizzju tar-rimedji minħabba ksur tal-obbligi previsti minn din id-direttiva ma jaffettwawx b'mod sproporzjonat id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti msemmi fl-Artikolu 47 tal-Karta (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, Nemzeti Adatvédelmi és Információszabadság Hatóság (C-132/21, EU:C:2023:2, punti 50 u 51).

54 Dan id-dritt huwa kkostitwit minn diversi elementi, fosthom b'mod partikolari d-dritt għal smigħ. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li jkun inkompatibbli mad-dritt fundamentali għal rimedju ġudizzjarju effettiv li deċiżjoni ġudizzjarja tkun ibbażata fuq fatti u fuq dokumenti li l-partijiet infushom, jew wieħed mill-partijiet, ma setgħux ikunu jafu bihom u li, għaldaqstant, qatt ma setgħu jadottaw pożizzjoni dwarhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' April 2024, NW u PQ (Informazzjoni kklassifikata), C-420/22 u C-528/22, EU:C:2024:344, punt 106 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 Issa, meta qorti kriminali tkun mitluba tiddeċiedi dwar ir-responsabbiltà ċivili mġarrba minħabba l-fatti li huma akkużati bihom l-akkużat, id-dritt għal smigħ għall-partijiet li jitolbu l-istabbiliment ta' din ir-responsabbiltà jinkiser jekk ikun impossibbli għalihom li jieħdu pożizzjoni dwar kundizzjoni neċessarja għall-istabbiliment tal-imsemmija responsabbiltà qabel ma din il-kundizzjoni tiġi deċiża b'mod definittiv mill-qorti adita. Fil-fatt, f'dan il-każ, il-fatt li dawn il-partijiet jistgħu jieħdu pożizzjoni quddiem qorti fuq ir-responsabbiltà tal-persuna li timpjega huwa nieqes minn kull effett utli.

56 Dan ikun il-każ jekk is-soluzzjoni li għandha tingħata fir-rigward ta' tali kundizzjoni tiġi deċiża, permezz ta' deċiżjoni li torbot lill-qorti msejħa sabiex tiddeċiedi dwar din ir-responsabbiltà, minn qorti oħra li quddiemha l-partijiet ma setgħux jidhru u ma kellhomx, tal-inqas, il-possibbiltà effettiva li jippreżentaw l-argumenti tagħhom.

57 Għall-kuntrarju, fil-każ fejn il-partijiet kellhom tali dritt u, b'mod partikolari, kellhom il-possibbiltà effettiva li jippreżentaw l-argumenti tagħhom, il-fatt li huma ma eżerċitawx dan id-dritt hija irrilevanti.

58 F'dan il-każ, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk l-aventi kawża tal-vittma, li huma l-partijiet ċivili fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-qorti kriminali, kellhomx id-dritt għal smigħ quddiem il-qorti amministrattiva fir-rigward, b'mod partikolari, tal-klassifikazzjoni ta' natura definittiva tal-avveniment inkwistjoni fil-kawża prinċipali bħala "inċident fuq il-post tax-xogħol".

59 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li l-Artikolu 1(1) u (2) kif ukoll l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 89/391, moqrija flimkien mal-prinċipju ta' effettività u mal-Artikolu 47 tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, kif interpretata mill-qorti kostituzzjonali ta' dan l-Istat Membru, li bis-saħħa tagħha s-sentenza definittiva ta' qorti amministrattiva li tirrigwarda l-klassifikazzjoni ta' avveniment bħala "inċident fuq il-post tax-xogħol" ikollha l-awtorità ta' *res judicata* quddiem il-qorti kriminali mitluba tagħti deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà ċivili minħabba l-fatti li l-akkużat huwa akkużat bihom, fil-każ fejn din il-leġiżlazzjoni ma tippermettix lill-aventi kawża tal-ħaddiem vittma ta' dan l-avveniment jinstemgħu f'ebda waħda mill-proċeduri li jagħtu deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' tali inċident fuq il-post tax-xogħol.

Fuq it-tieni domanda

60 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-qrati nazzjonali ordinarji ma jistgħux, taħt piena ta' proċeduri dixxiplinari li għalihom ikunu suġġetti l-membri tagħhom, ma japplikawx *ex officio* d-deċiżjonijiet tal-qorti kostituzzjonali ta' dan l-Istat Membru, meta huma jqisu, fid-dawl tal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, li dawn id-deċiżjonijiet jiksru d-drittijiet li l-individwi jisiltu mid-Direttiva 89/391.

61 Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li l-qorti nazzjonali li tkun eżerċitat il-possibbiltà mogħtija lilha mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE għandha, jekk ikun il-każ, twarrab l-evalwazzjonijiet ta' qorti nazzjonali superjuri jekk tqis, fid-dawl tal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, li dawn ma humiex konformi mad-dritt tal-Unjoni, jekk ikun meħtieġ billi ma tapplikax ir-regola nazzjonali li tobbligaha tikkonforma ruħha mad-deċiżjonijiet ta' dik il-qorti superjuri (sentenza tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punt 75 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 F'dan ir-rigward, din is-soluzzjoni tapplika b'mod partikolari meta qorti ordinarja tkun marbuta b'deċiżjoni ta' qorti kostituzzjonali nazzjonali li hija tqis li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

63 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi jeżiġi li l-qrati nazzjonali jagħmlu dak kollu li huwa fil-kompetenza tagħhom, billi jieħdu inkunsiderazzjoni d-dritt intern kollu u billi japplikaw metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti minn dan id-dritt, sabiex tiġi ggarantita l-effettività sħiħa tad-direttiva inkwistjoni u sabiex tinkiseb soluzzjoni konformi mal-iskop imfittex minnha. Ir-rekwiżit ta' tali interpretazzjoni konformi jinkludi, b'mod partikolari, l-obbligu, għall-qrati nazzjonali, li jemendaw, jekk ikun il-każ, ġurisprudenza stabbilita jekk din tkun ibbażata fuq interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali inkompatibbli mal-għanijiet ta' direttiva (sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften, C-684/16, EU:C:2018:874, punti 59 u 60 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

64 Fir-rigward tal-istabbiliment tar-responsabbiltà dixxiplinari possibbli ta' qorti nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali li tippermetti li tiġi stabbilita r-responsabbiltà dixxiplinari ta' qorti nazzjonali għal kull ksur tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 Fir-rigward tar-responsabbiltà dixxiplinari li għaliha l-qrati ordinarji jistgħu jkunu suġġetti fil-każ ta' ksur tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali nazzjonali, huwa minnu li s-salvagwardja tal-indipendenza tal-qrati ma tistax, b'mod partikolari, ikollha l-konsegwenza li teskludi totalment li r-responsabbiltà dixxiplinari ta' dawn il-qrati tista', f'ċerti każijiet għal kollox eċċezzjonali, tinħoloq bħala riżultat ta' deċiżjonijiet adottati minnhom, bħall-aġir gravi u totalment ineskużabbli min-naħa tal-imħallfin (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punt 83 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66 Madankollu, jidher li huwa essenzjali, sabiex tiġi ppreżervata din l-indipendenza, li l-qrati ordinarji ma jiġux esposti għal proċeduri jew għal sanzjonijiet dixxiplinari talli eżerċitaw il-possibbiltà li jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267 TFUE, li taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punti 83 sa 85 u l-ġurisprudenza ċċitata).

67 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda preliminari hija li l-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-qrati nazzjonali ordinarji ma jistgħux, taħt piena ta' proċeduri dixxiplinari li għalihom ikunu suġġetti l-membri tagħhom, ma japplikawx *ex officio* d-deċiżjonijiet tal-qorti kostituzzjonali ta' dan l-Istat Membru, meta huma jqisu, fid-dawl tal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, li dawn id-deċiżjonijiet jiksru d-drittijiet li l-individwi jisiltu mid-Direttiva 89/391.

Fuq l-ispejjeż

68 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 1(1) u (2), kif ukoll l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, moqrija flimkien mal-prinċipju ta' effettività u mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

jipprekludu l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, kif interpretata mill-qorti kostituzzjonali ta' dan l-Istat Membru, li bis-saħħa tagħha s-sentenza definittiva ta' qorti amministrattiva li tirrigwarda l-klassifikazzjoni ta' avveniment bħala "inċident fuq il-post tax-xogħol" ikollha l-awtorità ta' *res judicata* quddiem il-qorti kriminali mitluba tagħti deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà ċivili minħabba l-fatti li l-akkużat huwa akkużat bihom, fil-każ fejn din il-leġiżlazzjoni ma tippermettix lill-aventi kawża tal-ħaddiem vittma ta' dan l-avveniment jinstemgħu f'ebda waħda mill-proċeduri li jagħtu deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' tali inċident fuq il-post tax-xogħol.

2) Il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

jipprekludi l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-qrati nazzjonali ordinarji ma jistgħux, taħt piena ta' proċeduri dixxiplinari li għalihom ikunu suġġetti l-membri tagħhom, ma japplikawx *ex officio* d-deċiżjonijiet tal-qorti kostituzzjonali ta' dan l-Istat Membru, meta huma jqisu, fid-dawl tal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti

tal-Ġustizzja, li dawn id-deċiżjonijiet jiksru d-drittijiet li l-individwi jisiltu mid-Direttiva 89/391.

Firem